KLR 8/V/2009

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 18 ta' Novembru 2009 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Il-membri qablu li l-s-*security camera* li tikkontrolla l-ipparkjar illegali tinbeda bi prova fi Pjazza San Franġisk u Pjazza Savina. L-istima hi ta' €699 għall-installazzjoni, €300 applikazzjoni ta' l-Enemalta u €68 kera mingħand l-Enemalta sabiex il-*camera* teħel ma l-arblu tad-dawl.

1.2 Il-*merry-go-rounds* tal-*playing field* taċ-Ċawla u tal-*playing field* ta' maġenb il-*bus terminus* jitneħħew minħabba l-periklu.

1.3 Dwar il-*launch* tal-kumitat taż-Żgħażagħ, is-Sindku għarraf lill-membri li dan ser issir wara Jannar meta ser jiġu organiżżati diversi attivitajiet li jolqtu liż-żgħażagħ.

1.4 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-proġetti ta' l-UE ġew finaliżżati u l-applikazzjonijiet intbgħatu.

1.5 Dwar il-Pjan Lokali s-Sindku għarraf lill-membri li l-Ministru għal Għawdex taqbel mal-Kunsill li ma ssir rijallokazzjoni ta' l-*area* tal-parkeġġ, il-*bus terminus,* l-grawnd Leli Farruġia u *playing field*. Għaldaqstant ser issir laqgħa fil-MEPA Malta fil-presenza tal-Ministru għal Għawdex u s-Sindku. Il-MEPA ma tistax tobbliga lill-Kunsill sabiex ibiddel l-użu tal-*playing field*, liema *playing field* hi devoluta lill-Kunsill.

1.6 Dwar il-ġemellaġġ ma Comacchio, is-Sindku għarraf lill-membri li fiż-żjara tiegħu iltaqa' mas-Sindku u diversi entitajiet tal-lokal. Is-Sindku ta' Comacchio bgħatet itrra fejn wriet ix-xewqa li tkompli l-ideja ta' dan il-ġemellaġġ li ser ikun produttiv għaż-żewġ lokalitajiet. Minn naħħa ta' Nicehlino, s-Sindku Taljan qal li għadu bil-ħsieb li jżur lill-Għawdex fil-futur qarib.

1.7 Il-Kunsillier Theuma għarraf lill-membri li attenda għall-attivita' li organiżżaw il-Victoria Scout Group meta tnadfu l-Wied ta' Żejta, l-Wied tal-Ħamamiet u l-*playing field*. Din in konnessjoni ma' l-iskema tal-Lokalitajiet Ndaf;

1.8 Dwar il-proposta li l-monti jitressaq fi Pjazza Sabina, s-Sindku qal li l-Kunsill diġa' qabel fuq dan il-punt fil-laqgħa preċedenti li għandu jitmexxa u dan wara perjodu ta' evalwazzjoni ta' l-aħjar soluzzjoni anke' permezz ta' pjanti tal-Perit Edward Scerri. Pero' l-Kunsill għandu jara li tali spostament isir bl-inqas impatt negattiv possibli għax l-għan aħħari huwa li kemm Pjazza Indipendenza u kemm Pjazza Sabina jiġu' [estiti aħjar. Probabbilment fil-ġranet tax-xitwa ma tintużax l-*area* kollha peress li mhux il-bejjiegħa kollha jarmaw. Xi residenti ressqu d-diffikulta ta' nuqqas ta' parkeġġ. Is-Sindku tenna illi wie]ed irid jara kif il-monti jaffettwa bl-inqas mod possibbli dan il-fattur.

1.9 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li m'huwiex aċċettabbli li kunsillier jgħid affarijiet li m'humiex vera fuq kif il-Kunsill qed jimxi u jieħu d-deċiżjonijiet jew anke jqabbel b'mod skorrett dak li kien isir fil-Kunsill preċedenti ma dak li jsir fil-preżent. Rigward l-istedin għall-opra tat-Teatru Astra, s-Sindku rringrazja lill-membri talli aċċettaw l-istedina minkejja din ħarġet tard ħafna.

**2. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjoni numru 39 ġiet imressqa mill-kunsillier Buttiġieġ u ssekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Nitlob sabiex jiġi rranġat id-dawl tal-*playing field* taċ-Ċawla H. E. mill-ġdid għax kull darba li qed tagħmel ix-xita qed taqa' s-salvavita u jista' jkun hemm xi periklu għan-nies u tfal li jattendu din l-*area*. Nissuġġerixxi li jitqabbad *electrician* li jkun kapaċi jagħmel ix-xogħol u jerfa' kull responsabbilta'.**

Minħabba n-nuqqas ta' fondi il-membri qablu li għal issa jitqabbad *electrician* sabiex ineħħi kull periklu li jista' jkun hemm.

Mozzjoni numru 40 ġiet imressqa mill-kunsillier Schembri u ssekondata mis-Sindku.

**Sabiex jiġu tranġati l-livelli tal-bankina li saret mill-Kunsill preċedenti fi Triq Salvatore Psaila kantuniera ma Triq taħt Putirjal għaliex huma perikolużi għal kull min jgħaddi minn fuqhom u qed ikun hemm ukoll problema bl-ilma tax-xita f'garaxx minn Triq Salvatore Psaila.**

Il-membri qablu li l-kuntrattur li għamel ix-xogħol ta' dawn il-bankini għandu jirranġa l-problema u l-Kunsill ma jidħolx fi spejjes addizzjonali.

Mozzjonijiet numri 41 u 42 ġew imressqa mill-kunsillier Buttiġieġ.

Mozzjoni numru 41

**Residenti li joqgħodu fi triq ġdida fi Triq Għajn Qatet issuġġerew biex issir *hanger* għall-boroż ta' l-iskart fil-kantuniera ta' l-istess triq filfatt diġa' twaħħlet oħra f'din l-*area*.**

Billi diġa' hemm *hanger* il-membri ma qablux li jiżdied ieħor.

**Mozzjoni numru 42**

**Xi sidien ta' *supermarkets* iltaqgħu mal-GRTU fejn dawn qalulhom li ma hemm l-ebda ftehim bejn il-Gvern u l-Kunsilli sabiex tibda' titħallas il-miżata tar-rimi ta' l-iskart. Għalhekk dawn qed jitolbu biex sakemm ikun hemm dan il-ftehim jibqgħu ma jħallsu xejn.**

Is-Seg. Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li fil-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart, is-*supermarkets* huma mniżżla li l-iskart tagħhom ma jistax jinġabar ma dak domestiku. Għaldaqstant is-sidien tas-*supermarkets* iridu jipproivdu huma l-persuna awtorizzata sabiex jintremalhom l-iskart.

**Mozzjoni numru 43 tresqet mill-kunsillier Portelli u ssekondata mis-Sindku.**

**Fid-dawl tal-proposti ġodda mħabbra fil-Budget 2010 li għadu kemm tressaq rigward il-Kunsilli Lokali, permezz ta' din il-mozzjoni nipproponi li l-Kunsill tal-Belt Victoria jibda' proċeduri biex japplika għall-fondi allokati għal xogħol fuq toroq residenzjali u li dawn il-fondi jintużaw għal xogħol ta' kisi bit-tarmac u nfrastruttura neċessarja fuq Triq Wied Seqer u Sagħtar. Nixtieq nirrimarka li dawn it-toroq ilhom fi stat ħażin ħafna għal dawn l-aħħar snin u għal din ir-raġuni għandhom jingħataw attenzjoni mill-aktar fis possibli.**

Il-membri qablu ma din il-mozzjoni u s-Sindku għarraf lill-membri li ser issir laqgħa ta' nformazzjoni għas-Sindki mill-Onor.Dr. Chris Said fejn ser jagħti dettalji rigward din l-iskema. Din fl-uffiċċju tal-Kunsill tagħna, nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru 2009 fis-18.00.

Mozzjoni numru 44 ġiet imressqa mill-kunsillier Debrincat u ssekondata mill-kunsilleir Schembri.

**Nipproponi li titqaxxar bejn 2/3 pulzieri f'parti żgħira mit-Triq ta' Wara S-Sur bejn in-numri tad-djar 26 sa 35 u tingħata kisja tarmac. Dan qed nitolbu peress li xi xhur ilu kienu saru xi xogħolijiet f'din it-triq quddiem dawn id-djar bil-konsegwenza li issa din il-parti tat-triq qedha titfa' ammont ta' ilma lejn il-bibien ta' dawn ir-residenti. Irrid ngħid li l-ġimgħa l-oħra mar il-kuntrattur biex jagħmel il-*patching* pero' r-residenti nfurmwah li bil-*patching* biss kienu ser jibqgħu bl-istess problema.**

Il-membri qablu li tiġi solvuta din il-problema.

## 3. Programm Attivitajiet Milied u l-Ewwel tas-Sena

Ingħataw dettalji rigward il-*Christmas Village* li ser tiġi organiżżata fi Pjazza San Ġorġ bejn it-22 u d-29 ta' Novembru 2009. Meta tiftaħ ser ikun hemm xandira diretta fuq Radju LBV bl-intervent tal-kunsilliera. Il-Gozo Channel ser toffri t-trasport b'xejn sabiex ikunu jistgħu jinġabu l-*huts* minn Malta.

Dwar l-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena l-Coca Cola ser toffri *sponsor* ta' €2000, mill-iskema ta' l-Attivitajiet Kulturali ser jiġu offruti €5,000, l-Mc.Donalds €300 u saret l-applikazzjoni għall-*Good Causes Fund*. Rigward it-tinda ser tinkera l-orħos waħda mingħand David Apap. L-aktar grupp li offra l-orħos peress hu l-Airport Imprerssions bi prezz ta' €1,500 u ntalab lill-Baron Group Ltd. sabiex joffru l-akkomodazzjoni b'xejn għal dan il-grupp. Fi Pjazza San Ġorġ ser jintrema palk minn tat-Taqsima tal-Kultura u ser jipparteċipaw it-tfal Għawdxin li ħadu sehem fil-*Junior Euro Vision Song Contest* u l-grupp Mistaken Identity. Ser jinħarġu l-istimi għall-kiri tas-*sound* u d-dawl.

Dwar is-serata ta' żfin 'Unforgettable', il-Kunsill qed jistenna l-istima ta' l-ispejjes qabel japprova li ssir din l-attivita'. Is-Sindku ħeġġeġ ukoll lill-kunsilliera sabiex jattendu għal attivita' ta' l-Istrina li ser tiġi orgnaiżżata l-għada tal-Milied.

## 4. Pjazza San Ġorġ

Is-Sindku għarraf lill-membri li bl-intervent ta' l-Onor. Dr. Chris Said u d-Direttrur Natalino Attard sar żblokk fir-rigward tax-xogħol li baqa' jsir fi Pjazza San Ġorġ. Rigward l-aħħar offerta għall-materjal tad-dawl, din ħarġet skond il-liġi u l-Kunsill jista' jmexxi fuq l-aġġudikazzjoni ta' din l-offerta.

Is-Seg. Eżekuttiva resqet korrisdpondenza mingħand Ġemma Debono mill-Monitoring Unit mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward l-iżbilanċ finanzjarju li għandu l-Kunsill. Il-Kunsill ma jistax jidħol għal spejjes minn fondi tal-Kunsill fuq attivtiajiet li ma jaqgħux taħt il-funzjonijiet statutorji tiegħu, ma jidħolx għal *commitments* ġodda u jagħti prijorita' lill-funzjonijiet kuntrattwali tiegħu. Fuq it-tieni *email*, Debono tablet lill-Kunsill sabiex jitħejja pjan li juri l-miżuri li ser jieħu l-Kunsill sdabiex jibda jelimina l-iżbilanċ, inkluż il-proġett ta' Pjazza San Ġorġ. Is-Sindku għarraf lill-membri li ser jirrispondi din l-*email* u sadanittant ser issir laqgħa tas-sotto-kumitat tal-finanzi rigward din is-sitwazzjoni.

Dwar PA 01225/09 intbgħat ir-rapport tal-MEPA fejn ma qablux ma l-applikazzjoni li tinkludi t-tneħħija tat-tarġa ta' fejn hu propost li ssir il-funtana u biex tiġi emendata l-*area* ta' fejn ser jitpoġġew l-imwejjed u s-siġġijiet. Id-diffikulta li nstabet hi li l-*area* proposta għall-imwejjed u s-siġġijiet tista' tinħoloq diffikulta sabiex tgħaddi l-ambulanza u ttellef il-vista' tal-knisja.

Dwar il-funtana li hi proposta li ssir fil-pjazza il-membri qablu li jerġgħu isiru diskussjonijiet ma' l-entitajiiet u anke' r-residenti li jifrekwentaw din il-pjazza. Hekk il-Kunsill ikollu dehra ċara ta' kif il-pubbliku in ġenerali jaħsibha fir-rigward tal-funtana. Sadanittant għandhom jinġabu aktar stimi minn funderiji barranin biex isir il-funtana tal-bronż. L-istimi ser jintalbu minn funderiji barranin minħabba l-fatt li f'Malta m'hawnx funderiji li joħorġu dan il-qies tal-funtana f'darba u li tkun biċċa waħda. Il-kunsillier Debrincat ssuġġerixxa li minflok funtana li tinqala' jsiru *spouts* minn taħt l-art u hekk ma jkunx hemm għalfejn li l-funtata tkun tinqala' kull sena. Il-preżenti qablu li jiġu esplorati l-alternattivi possibli. Is-Seg. Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li jekk issir il-funtana proposta mill-Kunsill preċedenti, il-Kunsill għandu jkollu stima f'idejh ta' kemm ser tiġi tiswa' biex din titneħħa kull sena u terġa tintrama u fejn ser tintrefa waqt li ma tkunx tiffunzjona minħabba l-festa ta' San Ġorġ. Il-membri qablu ma dan.

Is-Seg. Eżekuttiva għarrfet lill-membri li kellha suġġeriment sabiex f'din il-pjazza titwaħħal *cycle rack* fejn wieħed ikun jista' jaqfel ir-rota. Il-membri qablu ma dan is-suġġeriment.

5. **Attivita' Studenti f'Bologna**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li għall-European Youth Meeting li ser isir f'Bologna bejn il-25 u t-28 ta' Novembru 2009 ser jipparteċipa grupp ta' Żgħażagħ Rabtin mill-iskola post-sekondarja Sir Mikelanġelo Refalo. Din hija attivita li tifforma ukoll parti mill-ERY Network. Dawn ħallsu €100 kull wieħed sabiex ikopru ftit mill-ispejjes tat-titjira. Magħom ser jattendi wkoll l-*Assistant Head,* is-Sur Daniel James Cassar.

6. **Korrispondenza**

Tressqet korripsondenza mingħand:-

6.1 l-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT) rigward:-
6.1.1 ħruġ ta' permess għal sena biex isir parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' qrib id-dar ta' Francis Debattisita, 'San Giorgio' Triq l-Arċisqof Pietru Paċe;
6.1.2 il-ħruġ tal-permess sabiex isir *double yellow line* quddiem l-entratura tad-*drive in* tas-Sorijiet Dumnikani fi Triq Enriko Mizzi. Għandha ssir *traffic mirror* faċċata ta' din l-entratura. Dan il-permess ser jintbagħat lid-Direttur Proġetti u Żvilupp peress li din hi triq arterja;

6.2 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li:-
6.2.1 għaddewlu €10,206.55 li tkopri t-*tipping fee* il-ġdida fuq ir-rimi ta' l-iskart organiku;
6.2.2 twaqqaf il-proċess sabiex jiġi ngaġġat *part-time communications co-ordinator*. Dan minħabba l-posizzjoni finanzarja tal-Kunsill;

6.3 Wirt Għawdex rigward pariri tekniċi fuq postijiet storiċi u antiki li għandhom bżonn xi tip ta' restawr. Is-Seg. Eżekuttiva nfurmat lill-membri li tablet l-għajnuna ta' Wirt Għawdex sabiex isir ir-restawr neċessarju fuq in-niċċeċ;

6.4 Paul Vella li kiteb ktieb bl-isem ta' 'The Industrial Revolution of Malta'. Il-membri qablu li jiġi suġġerit lill-kittieb sabiex javviċini lill-Librerija Pubblika biex takkwista dan il-ktieb;

6.5 il-Helping Hands Group fejn talbu għajnuna sabiex jiġu organiżżati żewġ attivitajiet qrib il-Milied. Billi l-Kunsill iffinaliżża l-attivitajiet tal-Milied li huma koperti mir-reklami li nġabbru, m'għandux fondi oħra sabiex jorganiżża attivitjaiet oħra għal dan il-Milied;

6.6 Sid il-ħanut Tal-Lajku fi Triq Karlu Galea fejn ressaq il-problema li qed jiltaqa' magħha meta din it-triq tingħalaq bejn is-13.30 u t-15.00 sabiex jipparkjaw il-*buses* li jġorru t-tfal ta' l-iskejjel sekondarji. Billi Triq Karlu Galea qed tingħalaq għal ħin twil qabel tispiċċa l-iskola, l-membri qalbu li jiġi suġġerit lill-ADT sabiex il-ħin ta' l-egħluq isir ben is-14.15 u t-14.45;

**7. Materji Oħra**

Il-membri qablu li:-

7.1 jinżabbru s-siġar tal-*playing field* u tal-parkeġġ il-kbir li qed jgħatti l-*floodlights* tal-grawnd Leli Farruġia, mis-Sur Carmel Mifsud. Ir-rimi ġġenerat miż-żbir ser jieħu ħsieb wkoll min ser jiżbor;

7.2 jitrnaġa l-*fence* eżistenti tal-grawnd Leli Farruġia permezz tal-ħaddiema tal-Kunsil;

7.3 s-Sur Carmel Theuma jipparteċipa fil-bord ta' l-għażla għall-iskrivan fil-Kunsill. Dan wara li s-Sindku rriżenja minħabba li waħda mill-applikanti tiġi mill-mara tiegħu;

7.4 l-Perit iħejji pjanta li turi *embellishment* li jista' jsir fil-belvedere ta' Triq Patri Ġiaċintu Camenżuli;

7.5 bi prova titneħħa l-ewwel *road hump* li hemm fin-naħħa t'isfel ta' Triq Mons.Luiġi Vella. Dan minħabba l-fatt li r-residenti tal-qrib qed ikollhom problema bl-istorbju ġġenerat mill-vetturi li jgħaddu minn fuq din ir-*road hump*;

7.6 li jsir *double yellow line* fil-kantuniera li hemm fi Pjazzetta Patri Akkursju Xerri li tmiss ma Triq Karita'. Dan minħabba l-fatt li qed jipparkjaw il-vetturi u ta' l-iskammel qed ikollu problema biex idawwar il-vettura f'din l-*area*;

7.7 jitranġa l-porfido li nqala' qrib 64 Triq San Ġorġ;

7.8 jintalbu stimi sabiex tindaf Triq Ħamamiet b'gaffa żgħira;

7.9 l-parti żgħira li ma nksietx bit-tarmac fi Triq Santa Martha titqaxxar u titranġa kif suppost;

7.10 tingħata għajnuna żgħira ta' €100 lill-MUSEUM tal-bniet sabiex isir it-tibjijd fil-*premises* tagħhom. Il-MUSEUM hu mniżżel fit-tmin skeda ta' l-Avviż legali tal-Kunsill Lokali;

7.11 l-Perit Edward Scerri għandu jara l-problema taż-żamma ta' l-ilma tax-xita f'Qasam San Ġorġ quddiem Australia House. Il-problema trid titranġa minn naħħa ta' Gatt Tarmac peress li din il-parti tat-triq tqaxxret minn din il-kumpanija sabiex tiġi solvuta l-problema ta' l-ilma tax-xita;

7.12 il-kuntrattur tal-bankini Joe Grima għandu jirranġa l-bankina li saret minnu fi Triq Sir Luiġi Camilleri quddiem ir-residenza numru 6. Dan minħabba l-fatt li din hi wieqfa;

7.13 tintalab spjegazzjoni tal-kont tad-dawl tal-*fairy lights* ta' Pjazza Indipedenza peress li ġie għoli meta dan id-dawl kważi spiċċa kollu;

7.14 jintalab il-permess ta' l-ADT sabiex fi Triq taħt Putriajl isir l-*parking bays* skond il-pjanta tal-Perit tal-Kunsill;

7.15 jintalab il-peremss ta’ l-ADT sabiex madwar il-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anton Tabone jsiru l-*parking bays* skond il-pjanta tal-perit u jeħlu tabelli li jindikaw li ma jistgħux jiġu pparkjati vetturi tqal;

7.16 jintalab il-permess ta’ l-ADT sabiex issir *un/loading parking bay* quddiem Taskia fi Triq Fortunato Mizzi;

7.17 jiġi suġġerit lill-Galea Curmi Eng. Consultants Ltd. (il-*contracts managers* tad-dawl tat-toroq) sabiex jiżdied id-dawl fl-*area* ta’ Triq Patri Ġiaċintu Camenżuli kantuniera ma Triq Kapuċċini;

7.18 l-Perit jagħmel pjanti għall-*parking bays* fi Triq ta’ Wara s-Sur fil-parti li hi tal-Kunsill u għal Triq l-Imblokk tal-Franċiżi. Għal din ta’ l-aħħar għandu jiġi suġġerit li faċċata ssir *traffic mirror* fi Triq Kerċem;

7.19 tiżdied kaxxa oħra għall-bejjieħa tal-ħut fejn jinsabu fil-preżent fil-bidu ta’ Triq Sir M’Anġelo Refalo. Il-kaxxa tal-persuni b’diżabilita’ li ser tiġi affetwata ser titressaq lejn il-monument ta’ Kristu Re;

7.19 Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-membri li ddaħħlu €1,386.99 li jkopru l-spejjes ta’ l-ivjaġġar meta delegazzjoni mill-Kunsill attendiet għal-laqgħa annwali ta’ l-ERY Network.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 22 ta' Di`embru 2009.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |